MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 620/2006

**MUT Publications Ltd**

**Vs**

**Johan Galea**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-21 ta' Lulju, 2006 fejn is-socjeta` attrici qed titlob lill-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett mija u sebgha u ghoxrin lira u erbgha u tletin centezmu (Lm327.34) rapprezentanti flus illi l-konvenut kien gabar mill-bejgh tal-magazine Saghtar, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-istess konvenut.

Ra illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa' ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni tal-istess talba.

Sema’ x-xhieda tal-avukat Dr Paul Pullicino li stqarr illi s-sorte mhallas u ghad jonqos illi s-socjeta` attrici tithallas il-kap tal-ispejjez.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli ghal hlas tal-kap tal-ispejjez u kwindi jikkundannah ihallas l-ispejjez kollha ta’ din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------